MARSAXLOKK

Minuti tal-laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsaxlokk, laqgħa nru. 2(2010), li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv, 2 Triq Vittorio Cassar, Marsaxlokk, nhar it-Tlieta, id-9 ta' Frar 2010, fil-5.00 p.m.

1. **Preżenti** :

| | |
|---|---|
| **Sindku** | Stephen Caruana |
| **Viċi-Sindku** | Edric Micallef |
| **Kunsilliera** | Steven Grech |
| | Remigio Cassar |
| | William Pomroy |
| **Segretarju Eżekuttiv** | John Restall |

**Aġenda għal-laqgħa :**

1. Qari tal-Minuti
2. *"Arising"* mill-Minuti
3. Korrispondenza
4. Kommunikazzjonijiet tas-Sindku
5. Approvazzjoni tal-*Financial Statements* tal-31 ta' Diċembru 2009
6. Il-Ġbir ta' Skart Separat
7. Approvazzjoni ta' Ħlasijiet
8. Affarjiet Oħra

**2. Qari tal-Minuti**

**2.1** Nqraw il-Minuti tal-laqgħa nru. 1(2010) u dawn ġew approvati.

**3. *Arising* mill-Minuti**

**3.1** Ma kien hemm xejn *Arising* mill-Minuti.

**4. Korrispondenza**

**4.1** Nqrat il-korrispondenza kollha pendenti.

**4.2** L-Avukat Brigitte Gafa' li toqgħod fil-kantuniera ta' Triq San Franġisk u Triq l-Arznell għamlet talba sabiex titneħħa *sleeping policeman* li fuqha hemm ukoll *pedestrian crossing* li tinsab f'Triq l-Arznell viċin ta' din il-kantuniera. Dan għaliex id-dħaħen tal-vetturi li jieqfu jew minħabba n-nies li jkunu qed jaqsmu jew minħabba s-*sleeping policeman* kienu qed jaffettwaw ħażin is-saħħa ta' waħda mill-bniet tagħha. Il-Kunsill qabel li jikkunsidra din it-talba wara li ssir żjara fuq il-post.

**4.3** Is-Sur Joe Caruana tal-Fish and Fish talab li l-Kunsill jerġa' jikkunsidra d-deċiżżjoni tiegħu li kien ħa dwar l-applikazzjoni tiegħu, applikazzjoni numru PA 01352/08, f'Ġunju 2008 (dwar iċ-ċaqliq tal-gaġeġ għat-tkabbir tat-tonn). F'dik id-data il-Kunsill

kien qabel li dawn il-gaġeġ kellhom joħorġu aktar 'l barra mill-kosta. F'din l-emenda fl-applikazzjoni, Fish and Fish qed tapplika għal żieda fin-numru tal-gaġeġ (minħabba regolamenti ġodda għat-tkabbir tat-tonn), pero' mhuwiex ser jiżdied it-tunnellaġġ tat-tonn mkabbar. Il-Kunsill qabel unanimament li ma joġġezzjonax għaż-żieda fin-numru tal-gaġeġ bil-kundizzjoni li t-tunnellaġġ ma jiżdiedx.

**4.4** Dwar applikazzjoni numru PA 05178/09 għal tined permanenti għall-bejjiegħa tal-ħut viċin tal-Għajn tal-Ħasselin, il-Kunsill qabel li joġġezzjona li jsiru f'dan il-post. Minflok, il-Kunsill ippropona li t-tined isiru wara l-*Harbour Lights* u li jiżdied in-numru tagħhom sabiex jakkomodaw il-bejjiegħa kollha tal-ħut.

**4.5** Dwar applikazzjoni numru PA 04576/09 għal estensjoni tal-*breakwater* viċin tal-*Power Station*, il-Kunsill ma sab ebda oġġezzjoni iżda qabel li jirrakkomanda l-installazzjoni ta' *tripods* sabiex itaffu l-qawwa tal-mewġ.

## 5. <u>Kommunikazzjonijiet tas-Sindku</u>

**5.1** Is-Sindku, flimkien ma' Sindki oħra, fid-9 ta' Frar 2010 filgħodu, kien iltaqgħa mas-Segretarju Parlamentari, Dr Chris Said, dwar il-ġbir tal-iskart. Fost affarjiet oħra, Dr Said informa lis-Sindki li s-sidien tar-ristoranti xtaqu li jħallsu lill-Kunsilli għall-ġbir tal-iskart tagħhom u li dawn dalwaqt għandhom jibdew jisseparaw l-iskart tagħhom.

Is-Sindku kien kellem lill-Ing Dr Chris Ciantar dwar il-proġett tat-tisbiħ tax-Xatt u dan kien infurmah li qed isiru taħdidiet mal-bejjiegħa tas-suq u li jidher li ser isir qbil magħhom dwar kif ser jibdew jarmaw wara li jitlesta l-proġett.

## 6. <u>Approvazzjoni tal-*Financial Statements* tal-31 ta' Diċembru 2009</u>

**6.1** Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-*Financial Statements* tal-perijodu li għalaq fil-31 ta' Diċembru 2009 u dawn ġew approvati mill-Kunsill.

## 7. <u>Il-Ġbir ta' Skart Separat</u>

**7.1** Nhar il-Ħamis, 11 ta' Frar 2010, rappreżentanti tal-kumpanija Green MT kellhom jiltaqgħu mal-Kunsill biex jippreżentaw il-proposti tagħhom daw il-ġbir ta' skart separat.

## 8. <u>Approvazzjoni ta' Ħlasijiet</u>

**8.1** Il-Kunsillier Grech, issekondat mill-Kunsillier Pomroy, ressaq mozzjoni sabiex jiġu approvati dawn il-ħlasijiet :

| | | € |
|---|---|---|
| Adeodata Schembri | Xogħol fil-*Winch room* quddiem il-Każin tal-Labour | 88.50 |
| Anġlu Fenech - Fenech Store | *Supplies* tat-tindif u birra għall-bibita tal-Milied | 206.78 |
| Anġlu Grech (tal-Milord) | Konkos għall-bankina ħdejn il-barumbara tax-Xerriek | 375.83 |
| Bitmac | 20 boroż *Instant Road Repair* | 76.94 |
| Carmel Mifsud | Tindif wara s-suq ta' nhar ta' Ħadd Nov - Diċ 09 | |
| Carmen Scicluna | Ftuħ tal-Librerija Jan 10 (44 hrs @ €5.59/hr) | 245.96 |
| Caruana Bros Diesel Station | Diesel 02.02.10 | 43.37 |
| Central Asphalt | *Cold Asphalt* | 195.00 |
| Central Asphalt | *Cold Asphalt* | 195.00 |

| | | |
|---|---|---|
| Cleansing Services Dept | Kenniesa Jan 10 | 1257.26 |
| Cleansing Services Dept | Bulky Refuse Jan 10 | 181.15 |
| Cleansing Services Dept | Latrini Jan 10 | 626.39 |
| Digitone Computers | ASUS System - kompjuter ġdid għas-Seg Eżekuttiv | 560.00 |
| Environmental Landscapes Consortium | Żamma tal-ġonna Jan 10 | 1030.75 |
| Frans Camilleri | Ġbir ta' skart mid-dj ar Jan 10 | 3979.34 |
| Frans Camilleri | Skip, Fortizza tas-Silġ Jan 10 | 58.23 |
| GO | 21659555, Jan 10 | 24.85 |
| GO | 21652525, Jan 10 | 273.40 |
| GO | 21650937, Jan 10 | 54.84 |
| GO | 21652392, Kera Frar 10 | 15.58 |
| Jason Gauci | Gazzetti Jan 10 | 84.42 |
| Koperattiva Tabelli u Sinjali | Sinjali tan-*No Entry* | 76.28 |
| Koperattiva Tabelli u Sinjali | Sinjali tat-traffiku varji | 217.97 |
| Koperattiva Tabelli u Sinjali | Mirja u arbli | 218.50 |
| Maltapost | Bolol | 57.00 |
| Media.Link | Avviż lill-bejjiegħa dwar l-attivita' tal-Milied | 68.44 |
| MelitaUnipol | *Van Insurance* u *Road Tax* | 610.25 |
| Newwes Garage | Trasport għall-ikla tal-Milied | 90.00 |
| Patrick Cellars | Ilma tal-fliexken | 28.00 |
| Paulsons Home & Hifi | Telefon għall-kamra tas-Sindku | 58.00 |
| Roc-a-go | Skip ħdejn il-barumbara Triq tax-Xerriek 19.01.10 | 54.97 |
| Roc-a-go | Skip għat-tindif tal-bitħa tal-Kunsill 26.01.10 | 54.97 |
| Roc-a-go | Skip ħdejn l-Għajn tal-Ħasselin X 3, 27.01.10 | 164.92 |
| Roc-a-go | Skip ħdejn is-*slipway* 01.02.10 | 54.97 |
| Roc-a-go | Skip ħdejn is-slipway 02.02.10 | 54.97 |
| | **Total** | **€11382.83** |

Il-mozzjoni ġiet approvata nem.con.

## 9. Affarjiet Oħra

**9.1** Il-Kunsill qabel li ssir talba għal żewġ arbli tad-dawl ħdejn il-*bring-in-site* quddiem il-kappella ta' San Pietru.

**9.2** Il-Kunsill qabel mal-proposta tal-Kunsillier Grech li ssir talba lil Transport Malta għal *sleeping policeman* f'Triq l-Arznell qabel Triq il-Luzzu.

**9.3** Il-Kunsill talab lis-Segretarju Eżekuttiv jikteb lil Paul Fenech Gonzi, Direttur fil-Ministeru għar-Riżorsi u Affarjiet Rurali, sabiex jinforma lill-Kunsill meta ser isiru l-parati tal-iskallijiet għaliex il-Kunsill kien qed jirċievi numru kbir ta' lmenti.

**9.4** Il-Kunsillier Grech tkellem dwar il-problema ta' laneċ u karrijiet mitluqin fit-toroq. Il-Kunsill talab lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex jieħu parir mingħand id-Dipartiment tal-Gvern Lokali x'passi setgħu jittieħdu kontra min jabbuża.

**9.5** Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar lill-Kunsill li l-Laqgħa Annwali għall-Pubbliku kellha ssir fit-2 ta' Marzu 2010, fis-7.00 p.m., fis-Sala Peter the Great.

**10.** Il-laqgħa spiċċat fis-7.10 p.m. u ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tlieta, 9 ta' Marzu 2010.

**Stephen Caruana**
**Sindku**
**Data :**

**John Restall**
**Segretarju Eżekuttiv**